IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.11.2020
COM(2020) 676 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/47/UE dwar l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt tal-affidabilità stradali ta' vetturi kummerċjali u li tħassar id-Direttiva 2000/30/KE

Werrej

1. Daħla 2
2. Id-Direttiva 4
3. Miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni notifikati mill-Istati Membri u s-sejbiet preliminari tal-valutazzjoni tagħhom 7

1. DAĦLA

1.1. Kuntest

L-ispezzjonijiet tal-vetturi huma fundamentali għas-sikurezza fit-toroq. Ir-regoli tal-UE li jistabbilixxu l-istandards minimi għall-verifiki tal-vetturi jmorru lura għall-1977, b'aġġornamenti minuri biss. Iżda minn dak iż-żmien 'l hawn il-vetturi, l-imġiba tas-sewwieqa u t-teknoloġija żviluppaw ħafna. L-ewwel bidla sostanzjali fil-qafas tal-ispezzjonijiet tal-affidabbiltà stradali saret bl-adozzjoni tal-Pakkett dwar l-Affidabbiltà Stradali[1] fl-2014. Dan għandu tliet partijiet, it-testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali, l-ispezzjonijiet tekniċi mal-ġenb tat-triq tal-vetturi kummerċjali, u d-dokumenti tar-reġistrazzjoni tal-vetturi.

Il-proposta tal-Pakkett dwar l-Affidabbiltà Stradali fl-2012 saret wara l-orjentazzjonijiet ta' politika tal-Kummissjoni tal-2010 dwar is-sikurezza tat-triq[2]. Fl-*"objettiv Nru 4: Vetturi aktar sikuri"* tal-orjentazzjonijiet ta' politika, il-Kummissjoni ddefiniet l-azzjoni biex *"tagħmel proposti bil-ħsieb li jkun hemm armonizzazzjoni u tisħiħ progressiv tat-testijiet tekniċi perjodiċi (testijiet tal-VRT) u l-ispezzjonijiet tekniċi fit-triq."*.

Id-Direttiva 2014/47/UE[3] dwar l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt tal-affidabbiltà stradali ta' vetturi kummerċjali (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva") bdiet tapplika fl-20 ta' Mejju 2018 u introduċiet novitajiet sostanzjali meta mqabbla mad-Direttiva 2000/30/KE[4].

In-novitajiet jinkludu:

- Titjib fil-kwalità tat-testijiet tal-vetturi bl-iffissar ta' standards minimi komuni għat-tagħmir, għat-taħriġ tal-ispetturi li jwettqu spezzjonijiet aktar dettaljati, għall-valutazzjoni u għas-segwitu tan-nuqqasijiet.
- L-estensjoni tas-sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju tal-impriżi tat-trasport bit-triq, introdotta bid-Direttiva 2006/22[5], b'informazzjoni bbażata fuq l-ispezzjoni teknika mal-ġenb tat-triq.
- L-użu ta' approċċ f'żewġ stadji għall-ispezzjonijiet mal-ġenb tat-triq, bl-introduzzjoni ta' spezzjoni inizjali u aktar dettaljata.
- L-ewwel miżuri għall-ispezzjoni tal-irbit tal-merkanzija
- Ittestjar obbligatorju fl-UE kollha tat-tratturi ta' veloċità qawwija użati għall-finijiet ta' trasport kummerċjali tal-merkanzija bit-triq.

1.2. Il-finijiet u l-ambitu ta' dan ir-rapport

[1] https://ec.europa.eu/transport/road_safety/events-archive/2014_04_30_rwp_en

[2] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Lejn żona Ewropea ta' sikurezza tat-triq: orjentazzjonijiet ta' politika dwar is-sikurezza tat-triq 2011-2020, COM(2010) 389 finali.

[3] Id-Direttiva 2014/47/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt tal-affidabilità stradali ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fl-Unjoni u li tirrevoka d-Direttiva 2000/30/KE, ĠU L 127, 29.4.2014, p. 134.

[4] Id-Direttiva 2000/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2000 dwar l-ispezzjoni teknika mal-ġenb tat-triq biex jiġi stabbilit jekk il-vetturi kummerċjali li jiċċirkulaw fil-Komunità humiex tajba għat-triq, ĠU L 203, 10.8.2000, p. 1.

[5] Id-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar il-kondizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 u (KEE) Nru 3821/85 dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE, ĠU L 102, 11.4.2006, p. 35-44.

F'konformità mal-Artikolu 24(1) tad-Direttiva, il-Kummissjoni jenħtieġ tfassal rapport sal-20 ta' Mejju 2020. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi bis-sħiħ u jiddispjaċiha ħafna mis-sottomissjoni tard tar-rapport li kien jenħtieġ jitħejja sal-20 ta' Mejju 2020. Hemm rapport ieħor li jenħtieġ jitlesta sa mhux aktar tard mill-20 ta' Mejju 2022 skont l-Artikolu 24(2).

Ir-rapport skont l-Artikolu 24(1) jenħtieġ:

- jipprovdi informazzjoni dwar l-implimentazzjoni u l-effetti tad-Direttiva;
- janalizza b'mod partikolari l-effett tagħha mil-lat ta' titjib tas-sikurezza tat-triq;
- jivvaluta l-kostijiet u l-benefiċċji tal-inklużjoni possibbli ta' vetturi ħfief (N1) u karrijiet (O2) fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

Ir-rapport skont l-Artikolu 24(2) jenħtieġ

- jipprovdi informazzjoni dwar l-applikazzjoni u l-effetti tad-Direttiva, b'mod partikolari:
    - fir-rigward tal-effettività u tal-armonizzazzjoni tas-sistemi ta' klassifikazzjoni tar-riskju, b'mod partikolari fid-definizzjoni ta' profil tar-riskju komparabbli b'mod reċiproku tal-impriżi differenti kkonċernati;
- miegħu tinhemeż valutazzjoni tal-impatt dettaljata li tanalizza l-kostijiet u l-benefiċċji fl-Unjoni, ikun disponibbli għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill mill-inqas sitt xhur qabel is-sottomissjoni ta' kwalunkwe proposta leġiżlattiva, jekk xieraq, biex jiġu inklużi kategoriji ġodda ta' vetturi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

Kif jissemma hawn fuq, id-Direttiva bdiet tapplika fl-20 ta' Mejju 2018. Biex tiġi ġġenerata *data* li twassalna għal konklużjonijiet sinifikanti, b'mod partikolari fuq l-effett tagħha mil-lat ta' titjib tas-sikurezza tat-triq, bħala medja hemm bżonn perjodu ta' applikazzjoni mhux interrott ta' tliet snin. Għalhekk, il-ġbir tad-*data* li se jippermetti t-tfassil ta' konklużjonijiet dwar l-effetti tad-Direttiva ma jistax jibda qabel it-tieni nofs tal-2021.

Fir-rigward tal-analiżi tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-inklużjoni possibbli ta' vetturi ħfief u karrijiet ħfief, il-Kummissjoni se twettaq l-analiżi meħtieġa fil-qafas ta' valutazzjoni tal-impatt qabel xi proposta possibbli futura tal-Kummissjoni.

Fir-rigward tal-effettività u tal-armonizzazzjoni tas-sistemi ta' klassifikazzjoni tar-riskju, jenħtieġ jiġi nnutat li d-Direttiva tissupplimenta biss is-sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju billi żżid xi informazzjoni rilevanti fir-rigward tal-ispezzjoni teknika mal-ġenb tat-triq. Iżda l-obbligu li tinħoloq sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju hu stabbilit fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2006/22/KE[6]. Barra minn hekk, id-Direttiva 2006/22/KE ma tarmonizzax is-sistemi ta' klassifikazzjoni tar-riskju u għalhekk l-Istati Membri huma liberi li jiddefinixxu d-dettalji tas-sistemi nazzjonali ta' klassifikazzjoni tar-riskju tagħhom. Għalkemm l-Anness I tad-Direttiva jistabbilixxi l-kriterji għall-attribuzzjoni ta' profil tar-riskju lil impriża, l-ambitu ta' dawn il-miżuri hu limitat għall-ispezzjonijiet tekniċi mal-ġenb tat-triq u dawn huma fakultattivi biss. Għalhekk, l-analiżi tal-effettività u tal-armonizzazzjoni tas-sistemi ta' klassifikazzjoni tar-riskju trid issir fil-qafas tad-Direttiva 2006/22/KE, ladarba jkunu ddaħħlu l-miżuri rispettivi.

F'dan ir-rigward, dan ir-rapport għandu l-għan li jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Istati Membri abbażi tas-sejbiet preliminari tal-kontroll tat-traspożizzjoni.

[6] "(1) L-Istati Membri għandhom jintroduċu sistema li tkejjel ir-riskju għal impriżi bbażata fuq in-numru u s-serjetà ta' kull ksur tar-Regolamenti (KEE) Nru 3820/85 jew (KEE) Nru 3821/85 li impriżi individwali jkunu wettqu."

2. ID-DIRETTIVA

2.1 Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva

Id-Direttiva żammet l-ittestjar obbligatorju għall-vetturi kollha li diġà ġew ittestjati b'mod regolari skont id-Direttiva 2000/30/KE, jiġifieri għall-vetturi tqal tal-merkanzija (N2, N3), għax-xarabanks (M2, M3) u għall-karrijiet tqal (O3 u O4).

Iżda bħala novità, id-Direttiva introduċiet l-ittestjar tat-tratturi b'veloċità massima skont id-disinn li taqbeż l-40 km/h u li jintużaw l-aktar fit-toroq pubbliċi għal skopijiet kummerċjali ta' trasport tal-merkanzija bit-triq.

Id-Direttiva tenfasizza li l-Istati Membri għandhom id-dritt iwettqu spezzjonijiet tekniċi mal-ġenb tat-trq fuq vetturi li mhumiex koperti mid-Direttiva, bħall-vetturi ħfief (N1), jew iwettqu spezzjonijiet f'postijiet li mhumiex toroq pubbliċi.

2.2 Sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju; Għażla tal-vetturi għall-ispezzjoni teknika inizjali mal-ġenb tat-triq

Bħala novità, id-Direttiva testendi s-sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju stabbilita mid-Direttiva 2006/22/KE. Issa l-Istati Membri huma obbligati li mas-sistemi ta' klassifikazzjoni tar-riskju tagħhom iżidu l-informazzjoni dwar l-għadd u s-severità tan-nuqqasijiet misjuba waqt l-ispezzjoni teknika mal-ġenb tat-triq fuq vetturi tqal tal-merkanzija, xarabanks u karrijiet tqal iżda mhux fuq tratturi veloċi.

Id-Direttiva tistabbilixxi kriterji, bħall-għadd u s-severità tad-difetti, fl-Anness I tagħha għall-attribuzzjoni ta' profil tar-riskju lil impriża, iżda l-użu tal-kriterji hu biss fakultattiv, u l-Istati Membri jistgħu jużaw is-sistema tagħhom stess.

Minbarra l-informazzjoni miġbura waqt l-ispezzjonijiet mal-ġenb tat-triq imwettqa fuq vetturi domestiċi, l-Istati Membri jridu wkoll iżidu l-informazzjoni li jirċievu mingħand Stati Membri oħra mas-sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju tagħhom.

L-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-impriżi jissottomettu l-vetturi tagħhom għal testijiet volontarji addizzjonali tal-affidabbiltà stradali u l-informazzjoni dwar dawn l-ispezzjonijiet tista' titqies biex jitjieb il-profil tar-riskju ta' impriża.

Il-vetturi li jridu jiġu spezzjonati jistgħu jintgħażlu abbażi tal-profil tar-riskju għoli tal-impriża operattiva jew b'mod aleatorju, jekk ikun hemm suspett li l-vettura tippreżenta riskju għas-sikurezza tat-triq jew għall-ambjent.

2.3 Sistema ta' spezzjoni mal-ġenb tat-triq; Kontenut u metodi tal-ispezzjonijiet tekniċi mal-ġenb tat-triq

Waħda mill-aktar novitajiet importanti tad-Direttiva hi l-introduzzjoni ta' approċċ f'żewġ stadji għall-ispezzjoni teknika mal-ġenb tat-triq.

Fuq kull vettura magħżula għal spezzjoni teknika mal-ġenb tat-triq, l-ispettur għandu jwettaq mill-inqas l-ispezzjoni inizjali. L-ispezzjoni inizjali għandha kemm elementi obbligatorji kif ukoll fakultattivi. F'kull każ, l-ispettur għandu jivverifika l-aktar ċertifikat tal-affidabbiltà stradali riċenti, ir-rapport tekniku tal-ispezzjoni mal-ġenb tat-triq jekk ikun disponibbli u għandu jwettaq valutazzjoni viżiva tal-kundizzjoni teknika tal-vettura. Barra minn hekk, l-ispettur irid jivverifika wkoll jekk ġewx rettifikati d-difetti indikati fl-aktar rapport ta' spezzjoni mal-ġenb tat-triq riċenti. L-elementi fakultattivi huma l-ispezzjoni viżiva tal-irbit tal-merkanzija u l-kontrolli tekniċi tal-vettura b'xi metodu meqjus xieraq. Dawn il-verifiki tekniċi għandhom l-għan li jissostanzjaw deċiżjoni li l-vettura titressaq għal spezzjoni aktar

dettaljata jew li jitolbu li d-difetti maġġuri jew perikoluży misjuba jiġu rettifikati qabel ma l-vettura titħalla tiċċirkola aktar fit-toroq pubbliċi.

Abbażi tar-riżultat tal-ispezzjoni inizjali, l-ispettur jiddeċiedi jekk hemmx bżonn li l-vettura titressaq għal spezzjoni aktar dettaljata.

Filwaqt li għall-ispezzjoni inizjali d-Direttiva sservi aktar bħala qafas u tippermetti ħafna flessibbiltà għall-Istati Membri, iridu jitwettqu spezzjonijiet aktar dettaljati skont regoli stretti stabbiliti mid-Direttiva.

Bħad-Direttiva 2014/45/UE dwar it-test perjodiku tal-affidabbiltà stradali, id-Direttiva fl-Anness II tagħha tiddefinixxi l-elementi, il-metodi, ir-raġunijiet għal falliment u l-klassifikazzjoni tad-difetti applikabbli bħala minimu armonizzat waqt l-ispezzjoni teknika mal-ġenb tat-triq. Iżda filwaqt li, waqt l-ispezzjoni teknika perjodika, l-ispettur irid jivverifika kull element u jkopri l-Anness kollu, waqt spezzjoni teknika mal-ġenb tat-triq għandhom jiġu koperti biss dawk l-elementi elenkati fl-Anness II tad-Direttiva, li jitqiesu meħtieġa u rilevanti. Madankollu, għandha tingħata attenzjoni partikolari lis-sikurezza tal-brejkijiet, tat-tajers, tar-roti, tax-xaży u tal-inkonvenjenzi.

Limitu għall-ispezzjoni teknika mal-ġenb tat-triq hu, li jekk, skont iċ-ċertifikat tal-affidabbiltà stradali jew rapport tal-ispezzjoni mal-ġenb tat-triq, tkun twettqet spezzjoni ta' wieħed mill-elementi elenkati fl-Anness II fl-aħħar tliet xhur, l-ispettur jista' jivverifika biss dak l-element, jekk defiċjenza ovvja tkun tiġġustifika dan.

Wara spezzjoni aktar dettaljata, l-ispettur irid joħroġ rapport skont l-Anness IV u jrid jagħti kopja tar-rapport lis-sewwieq.

2.4 Responsabilitajiet; Spetturi; Faċilitajiet tal-ispezzjoni; Pieni

Id-Direttiva tiddefinixxi rekwiżiti ċari, li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

- l-aktar ċertifikat tal-affidabbiltà stradali riċenti u l-aktar rapport riċenti tal-ispezzjoni teknika mal-ġenb tat-triq iridu jinżammu abbord il-vettura bħala oriġinali jew bħala kopja stampata ċċertifikata. L-evidenza elettronika tista' tkun aċċettabbli wkoll;
- l-impriżi u s-sewwieqa tal-vettura spezzjonata jikkoperaw mal-ispetturi u jipprovdu aċċess għall-vettura, għall-partijiet tagħha u għad-dokumentazzjoni kollha rilevanti;
- ir-responsabbiltajiet tal-impriżi għaż-żamma tal-vetturi tagħhom f'kundizzjoni ta' sikurezza u affidabbiltà stradali tajba jiġu definiti, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tas-sewwieqa;
- l-ispetturi ma jagħmlu l-ebda diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità tas-sewwieq jew tal-pajjiż tar-reġistrazzjoni tal-vettura;
- l-ispetturi jkunu ħielsa minn kull kunflitt ta' interess li jista' jħalli impatt fuq l-imparzjalità u l-oġġettività tad-deċiżjoni tiegħu; u
- l-gwadann tal-ispetturi ma jkunx relatat direttament mar-riżultati tal-ispezzjonijiet tekniċi inizjali jew aktar dettaljati mal-ġenb tat-triq.

Barra minn hekk, id-Direttiva stipulat rekwiżit speċifiku dwar l-ispetturi li jwettqu spezzjonijiet aktar dettaljati. Dawn l-ispetturi jridu jikkonformaw mar-rekwiżiti minimi ta' kompetenza u taħriġ stabbiliti għall-ispetturi li jwettqu l-ispezzjonijiet tekniċi perjodiċi.

Fir-rigward tal-faċilitajiet użati għall-ispezzjonijiet aktar dettaljati mal-ġenb tat-triq, dawn jistgħu jkunu unità mobbli tal-ispezzjoni jew faċilità maħsuba għall-ispezzjonijiet mal-ġenb tat-triq, jew ċentru perjodiku tal-ittestjar tal-affidabbiltà stradali, skont liema jkun l-eqreb. It-tagħmir meħtieġ biex isiru ċerti spezzjonijiet, bħall-brejkijiet jew is-sospensjoni, għandu jkun

disponibbli kemm fl-unità mobbli tal-ispezzjoni kif ukoll fil-faċilità maħsuba għall-ispezzjonijiet mal-ġenb tat-triq. Jekk ikun jeħtieġ jiġi spezzjonat xi element li għalih it-tagħmir meħtieġ ma jkunx disponibbli, il-vettura għandha tiġi direzzjonata lejn ċentru tal-ittestjar biex issir spezzjoni.

2.5 Valutazzjoni tan-nuqqasijiet; Segwitu għan-nuqqasijiet maġġuri jew perikolużi; Tariffi tal-ispezzjoni

Fl-2010, il-Kummissjoni adottat rakkomandazzjoni[7] biex tipprovdi gwida lill-ispetturi u tiżgura valutazzjoni armonizzata tad-difetti elenkati fl-Anness II tad-Direttiva 2009/40/KE. Ir-rakkomandazzjoni introduċiet tliet kategoriji ta' difetti (minuri, maġġuri u perikolużi) u ddefiniet il-kategorija għal kull difett bħala gwida.

Abbażi tar-rakkomandazzjoni, id-Direttiva 2014/45/UE introduċiet il-valutazzjoni tan-nuqqasijiet bħala miżura armonizzata għall-ittestjar perjodiku tal-affidabbiltà stradali. L-istess approċċ intuża għar-reviżjoni tal-miżuri tekniċi tal-ispezzjonijiet mal-ġenb tat-triq. Id-Direttiva introduċiet tliet kategoriji ta' difetti differenti. Skont is-severità tagħhom, id-difetti jistgħu jkunu minuri, maġġuri jew perikolużi. Meta jinstabu diversi difetti, li jkunu f'kategoriji differenti ta' severità, waqt l-ispezzjoni mal-ġenb tat-triq, il-vettura trid tiġi kklassifikata skont l-aktar nuqqas serju. Barra minn hekk, jekk vettura turi diversi difetti tal-istess qasam ta' spezzjoni (bħall-ibbrejkjar jew l-istering), il-vettura tista' tiġi kklassifikata fil-grupp li jmiss tal-aktar nuqqasijiet serji, jekk l-effetti kkombinati tad-difetti joħolqu riskju akbar għas-sikurezza tat-triq.

2.6 Persentaġġ tal-vetturi li jridu jiġu spezzjonati; Rapport tal-ispezzjoni u bażijiet tad-*data* dwar spezzjonijiet tekniċi mal-ġenb tat-triq; Komunikazzjoni tal-informazzjoni lill-Kummissjoni

Bħala novità, id-Direttiva ddefiniet l-objettiv ġenerali li kull sena, l-għadd totali ta' spezzjonijiet tekniċi inizjali mal-ġenb tat-triq fl-UE jrid jikkorrispondi għal mill-anqas 5% tal-għadd totali ta' vetturi tqal tal-merkanzija, xarabanks u karrijiet tqal irreġistrati.

Fil-livell tal-Istati Membri dan ifisser li kull wieħed minnhom jeħtieġ jagħmel sforzi biex iwettaq ammont proporzjonat ta' spezzjonijiet tekniċi inizjali mal-ġenb tat-triq, filwaqt li jitqies l-għadd ta' dawn il-vetturi rreġistrati fit-territorju tiegħu.

L-Istati Membri huma obbligati jiġbru ċerta informazzjoni kemm wara l-ispezzjonijiet tekniċi inizjali kif ukoll wara dawk aktar dettaljati mal-ġenb tat-triq. L-informazzjoni miġbura sservi bħala l-bażi għar-rapporti li jridu jibagħtu lill-Kummissjoni kull sentejn.

L-ewwel rapporti nazzjonali jkopru l-2019 u l-2020 u se jintbagħtu lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2021.

2.7 Dežinjazzjoni ta' punt ta' kuntatt; kooperazzjoni bejn l-Istati Membri; Spezzjonijiet tekniċi mal-ġenb tat-triq miftiehma

Id-Direttiva talbet lill-Istati Membri biex jiddeżinjaw u jinnotifikaw il-punt ta' kuntatt nazzjonali tagħhom lill-Kummissjoni. Il-kompiti ta' dawn il-punti ta' kuntatt huma li:

- jiżguraw il-koordinazzjoni mal-punti ta' kuntatt nazzjonali ta' Stati Membri oħra fi kwistjonijiet relatati mad-Direttiva, b'mod partikolari jekk waqt spezzjoni mal-ġenb

[7] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-valutazzjoni tad-difetti waqt l-ittestjar tal-affidabbiltà stradali skont id-Direttiva 2009/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar testijiet tal-kundizzjoni ta' vetturi u tal-karrijiet tagħhom għat-triq (2010/378/UE)

tat-triq ikunu ġew identifikati nuqqasijiet kbar jew perikoluži f'vettura rreġistrata fi Stat Membru ieħor;

- kull sentejn jibagħtu lill-Kummissjoni d-*data* tal-ispezzjonijiet tekniċi mal-ġenb tat-triq li jkunu wettqu.

3. MIŻURI NAZZJONALI TA' TRASPOŻIZZJONI NOTIFIKATI MILL-ISTATI MEMBRI U S-SEJBIET PRELIMINARI TAL-VALUTAZZJONI TAGĦHOM

3.1 Miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni notifikati mill-Istati Membri

L-Istati Membri kellhom jadottaw u jippubblikaw il-miżuri nazzjonali meħtieġa biex jikkonformaw mad-Direttiva sal-20 ta' Mejju 2017 u sussegwentement jinnotifikawhom lill-Kummissjoni. Il-miżuri applikaw mill-20 ta' Mejju 2018.

Sal-20 ta' Mejju 2017, tmien Stati Membri biss minn 28 infurmaw lill-Kummissjoni li tlestiet t-traspożizzjoni tad-Direttiva. F'konformità mar-regoli proċedurali, il-Kummissjoni nediet proċeduri ta' ksur li jħeġġu lill-20 Stat Membru l-ieħor biex jadottaw il-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni meħtieġa. It-tnedija tal-proċeduri ta' ksur kienet il-bażi ta' skambji intensivi mal-Istati Membri u fil-maġġoranza tal-każijiet wasslet għan-notifika tal-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni nieqsa.

3.2 Sejbiet preliminari

Biex tinkiseb valutazzjoni preliminari tal-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni b'rabta mal-konformità tagħhom mar-rekwiżiti tad-Direttiva, il-Kummissjoni qabbdet kuntrattur estern. Is-sejbiet tal-kuntrattur qed jiġu analizzati aktar mill-Kummissjoni u din il-ħidma mistennija titlesta fix-xhur li ġejjin.

3.2.1 Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva

Skont l-analiżi preliminari tal-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni, l-inklużjoni ta' tratturi veloċi kienet sfida għal xi Stati Membri. Xi kwistjonijiet żgħar jistgħu jiġu identifikati wkoll fir-rigward tal-kategoriji tal-vetturi li diġà kienu parti mis-sistema tal-ispezzjonijiet mal-ġenb tat-triq, li se teħtieġ kjarifika ulterjuri.

3.2.2 Sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju; Għażla tal-vetturi għall-ispezzjoni teknika inizjali mal-ġenb tat-triq

Il-valutazzjoni preliminari indikat problemi possibbli f'diversi Stati Membri li jikkonċernaw l-estensjoni tas-sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju bl-informazzjoni li tirriżulta mill-ispezzjonijiet tekniċi mal-ġenb tat-triq. Dan se jkun jeħtieġ aktar analiżi u skambji mal-Istati Membri kkonċernati.

Jidher li l-maġġoranza tal-Istati Membri introduċew il-miżuri fakultattivi tad-Direttiva dwar l-għażla tal-vetturi u ma kien hemm l-ebda tħassib sostanzjali waqt il-valutazzjoni preliminari.

3.2.3 Sistema ta' spezzjoni mal-ġenb tat-triq; Kontenut u metodi tal-ispezzjonijiet tekniċi mal-ġenb tat-triq

Skont is-sejbiet preliminari, l-introduzzjoni tal-istadju inizjali separat u aktar dettaljat tal-ispezzjoni teknika mal-ġenb tat-triq kienet sfida. Jidher li s-separazzjoni ċara taż-żewġ stadji ma ġietx introdotta f'xi Stati Membri, u dan jista' jqajjem aktar mistoqsijiet dwar kwistjonijiet relatati direttament mal-istadji differenti, bħall-ġbir tad-*data*, rapport aktar dettaljat tal-ispezzjoni mal-ġenb tat-triq jew it-taħriġ tal-ispetturi.

3.2.4 Responsabbiltajiet; Spetturi; Faċilitajiet tal-ispezzjoni; Pieni

L-analiżi preliminari ma qajmitx tħassib kbir iżda hemm xi punti fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti għall-ispetturi li jeħtieġu aktar valutazzjoni u skambji mal-Istati Membri kkonċernati.

3.2.5 Valutazzjoni tan-nuqqasijiet; Segwitu għan-nuqqasijiet maġġuri jew perikolużi; Tariffi tal-ispezzjoni

Il-konklużjonijiet ġenerali tal-valutazzjoni preliminari kienu pożittivi, iżda xi punti se jeħtieġu kjarifiki ulterjuri.

Jidher li ftit Stati Membri biss introduċew il-miżuri fakultattivi li jitolbu l-ħlas ta' tariffa marbuta mat-twettiq tal-ispezzjoni meta jinstabu difetti waqt l-ispezzjoni aktar dettaljata.

3.2.6 Persentaġġ tal-vetturi li jridu jiġu spezzjonati; Rapport tal-ispezzjoni u bażijiet tad-*data* dwar spezzjonijiet tekniċi mal-ġenb tat-triq; Komunikazzjoni tal-informazzjoni lill-Kummissjoni

Fir-rigward tal-livell limitu ta' 5% u l-ammont proporzjonat ta' spezzjonijiet fil-livell tal-Istati Membri u l-komunikazzjoni ta' informazzjoni lill-Kummissjoni kull sentejn, il-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni kienu f'xi każijiet diffiċli biex jiġu identifikati iżda l-valutazzjoni preliminari ma identifikatx kwistjonijiet ewlenin.

Min-naħa l-oħra, l-obbligu l-ġdid dwar il-ġbir ta' settijiet differenti ta' informazzjoni wara spezzjonijiet inizjali u aktar dettaljati jidher li kien sfida għal xi Stati Membri u hemm bżonn kjarifiki u skambju ulterjuri mal-Istati Membri kkonċernati.

Fir-rigward tal-informazzjoni li trid tinġabar fil-livell nazzjonali, jenħtieġ jiġi nnutat li fin-nuqqas ta' miżuri tranżizzjonali, id-Direttiva ħolqot sitwazzjoni diffiċli għall-Istati Membri. Id-Direttiva tapplika mill-20 ta' Mejju 2018, iżda l-ewwel rapporti nazzjonali skont id-Direttiva se jkopru biss l-2019 u l-2020. Dan ifisser li xorta jeħtieġ tinġabar id-*data* għall-2018 kollha u li r-rapporti nazzjonali tħejjew skont id-Direttiva 2000/30/KE, iżda din ġiet revokata fl-20 ta' Mejju 2018, bil-bidu tal-applikazzjoni tad-Direttiva. Dan il-vojt ġuridiku joħloq problemi prattiċi sostanzjali għall-Istati Membri waqt il-kumpilazzjoni tar-rapporti tagħhom tal-2017/2018 dwar l-ispezzjonijiet mal-ġenb tat-triq.

3.2.7 Dežinjazzjoni ta' punt ta' kuntatt; kooperazzjoni bejn l-Istati Membri; Spezzjonijiet miftiehma mal-ġenb tat-triq

L-Istati Membri nnotifikaw il-punti ta' kuntatt nazzjonali tagħhom sal-20 ta' Mejju 2015 u bagħtu aġġornamenti regolari minn dak iż-żmien 'l hawn. Abbażi tan-notifiki u tal-aġġornamenti sussegwenti tagħhom, il-Kummissjoni fasslet lista tal-punti ta' kuntatt nazzjonali notifikati u tgħaddiha regolarment lill-Istati Membri.

2. SOMMARJU – KONKLUŻJONIJIET

Il-Pakkett dwar l-Affidabbiltà Stradali adottat fl-2014 daħħal għadd ta' novitajiet fil-qasam tal-ittestjar perjodiku tal-affidabbiltà stradali, l-ispezzjoni teknika mal-ġenb tat-triq tal-vetturi kummerċjali u d-dokumenti tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, u fl-istess ħin żamm il-maġġoranza tar-rekwiżiti eżistenti u funzjonali fis-seħħ.

Tmien Stati Membri lestew it-traspożizzjoni tal-miżuri tad-Direttiva fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom fil-ħin. L-20 Stat Membru l-ieħor ssodisfaw l-obbligu ta' traspożizzjoni tagħhom wara li l-Kummissjoni nediet il-proċeduri uffiċjali li jħeġġuhom jagħmlu dan.

Fir-rigward tal-konformità tal-miżuri nazzjonali ma' dawk tad-Direttiva, il-valutazzjoni preliminari tindika li t-traspożizzjoni tidher sodisfaċenti b'mod ġenerali fil-maġġoranza tal-Istati Membri; iżda xi drabi, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra li tniedi skambji mal-Istati Membri kkonċernati biex tiċċara kwistjonijiet potenzjali ta' nuqqas ta' konformità.

Fir-rigward tal-effetti tad-Direttiva fuq id-diversi aspetti tal-ispezzjoni teknika mal-ġenb tat-triq tal-vetturi kummerċjali, wieħed jista' jasal għal konklużjonijiet sinifikanti biss abbażi ta' *data* ġġenerata wara perjodu ta' applikazzjoni mhux interrott ta' tliet snin. Iżda l-Kummissjoni se tissorvelja mill-qrib is-sitwazzjoni u se ssegwi b'evalwazzjoni *ex post* meta jasal iż-żmien.